REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 318/2009

tas-17 ta' April 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1914/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer Eġej iżgħar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 tat-18 ta' Settembru 2006 li jistipula miżuri speċifiċi fil-qasam tal-agrikoltura favur il-gżejjer iż-żgħar tal-Baħar Eġew u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba waqt l-applikazzjoni tal-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1914/2006 [2], jeħtieġ li jkunu ppreċiżati l-proċeduri tal-emendar tal-programm provduti f'dak l-Artikolu. Jeħtieġ li tinġieb 'il quddiem l-aħħar data għat-tressiq tat-talbiet annwali għall-emendar tal-programm biex ikun evitat li deċiżjonijiet ta' approvazzjoni jiġu adottati tard. Minħabba r-regoli baġitarji, l-emendi approvati għandhom ikunu implimentati mill-1 ta' Jannar tas-sena wara dik li fiha tkun tressqet it-talba għall-emendar. Barra minn hekk, jeħtieġ li jkunu ppreċiżati aktar ċerti regoli dwar l-emendi minuri li ma jeħtiġilhomx ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni għajr għal finijiet ta' informazzjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1914/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) Nru 1914/2006 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*

Emendar tal-programm

1. L-emendi għall-programm approvat skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006 għandhom jitressqu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u jkunu motivati kif xieraq, partikolarment billi jippreċiżaw:

a) ir-raġunijiet u kwalunkwe diffikultà ta' implimentazzjoni li jiġġustifikaw emenda tal-programm;

b) l-effetti mistennija tal-emenda;

ċ) il-konsegwenzi fuq il-finanzjament u l-kontroll tal-impenji.

Għajr fil-każ ta' *force majeure* jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Greċja għandha tressaq talbiet għall-emendar darba biss għal kull sena kalendarja u għal kull programm. Dawn it-talbiet għall-emendar jeħtiġilhom jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ta' kull sena.

Jekk il-Kummissjoni ma tqajjem ebda oġġezzjoni, il-Greċja għandha tapplika dawk l-emendi mill-1 ta' Jannar tas-sena wara dik li fiha tkun tressqet it-talba għall-emendar.

Huwa possibbli li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ aktar kmieni, jekk il-Kummissjoni tinforma lill-Greċja bil-miktub, qabel id-data ppreċiżata fit-tielet suparagrafu, li l-emenda notifikata tikkonforma mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Jekk l-emenda notifikata ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Greċja b'dan u l-emenda ma tidħolx fis-seħħ sa meta l-Kummissjoni tirċievi emenda li tista' tiġi ddikjarata konformi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-emendi li ġejjin, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-proposti tal-Greċja u tiddeċiedi dwar l-approvazzjoni tagħhom sa mhux aktar minn erba' xhur mit-tressiq tagħhom, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 1405/2006:

a) l-introduzzjoni ta' miżuri, azzjonijiet, prodotti jew skemi ta' għajnuna ġodda fil-programm, u

[1] ĠU L 265, 26.9.2006, p. 1.
[2] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 64.

b) iż-żieda tal-livell bażiku ta' appoġġ diġà approvat għal kull miżura, azzjonijiet, prodotti jew skemi ta' għajnuna eżistenti b'aktar minn 50 % tal-ammont applikabbli fiż-żmien meta titressaq t-talba għall-emenda.

L-emendi hekk approvati japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena wara dik li fiha jkunu ġew notifikati.

3. Il-Greċja għandha tkun awtorizzata tagħmel l-emendi li ġejjin mingħajr rikors għall-proċedura stipulata fil-paragrafu 1, dejjem sakemm l-emendi jkunu notifikati lill-Kummissjoni:

a) f'dak li jirrigwarda l-bilanċi tal-provvista mbassrin, l-emendar tal-kwantitajiet tal-prodotti eliġibbli għas-sistema tal-provvista u, konsegwentement, l-ammont globali tal-għajnuna allokata favur kull firxa ta' prodotti,

b) fir-rigward tal-għajnuna għall-produzzjoni lokali, l-emendar, sa limitu ta' 20 %, tal-allokazzjoni finanzjarja maħsuba għal kull miżura: u

ċ) l-emendi li jsegwu emendi għall-kodiċijiet u d-dežinjazzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (*) u li jservu biex jidentifikaw il-prodotti li jibbenefikaw minn għajnuna, dejjem sakemm dawn l-emendi ma jinvolvux bidla tal-prodotti nfushom.

L-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel id-data li fiha jaslu għand il-Kummissjoni. Jeħtieġ li jkunu spjegati u ġustifikati kif suppost, u ma jistgħux ikunu implimentati ħlief darba kull sena, għajr fil-każijiet li ġejjin:

a) *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali,

b) emendi tal-kwantitajiet ta' prodotti eliġibbli għall-iskema ta' provvista,

c) emenda tan-nomenklatura statistika u l-kodiċijiet tat-tariffa doganali komuni f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87,

d) trasferimenti baġitarji fi ħdan il-miżuri ta' appoġġ għall-produzzjoni. Dawn l-aħħar emendi, madankollu, jeħtieġilhom ikunu notifikati sa mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena kalendarja li għaliha tirreferi l-allokazzjoni finanzjarja emendata.

(*) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni